MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' April, 2010

Appell Civili Numru. 121/2008/1

**Farrug Company Limited**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' Jannar, 2010, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti:-
>
> Rat r-rikors tas-socjeta attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-erbatax (14) ta' Frar 2008 fejn ippremettas-segwenti:-
>
> "*Illi s-socjeta esponenti giet notifikata b'Ittra Ufficcjali datata erbgha w ghoxrin (24) ta' Jannar 2008 u dikjarazzjoni guramentata ai fini w effetti*

*tal-artikolu 466 tal-Kodici w Organizzazzjoni u Procedura Civili u giet interpellata thallas s-somma ta' tlett elef sitt mija sebgha w erbghin euro u disgha w sebghin euro centezmu (€3647.79) (LM1566) konsistenti f'€475.19 taxxa fuq il-valur mizjud u €3172.60 dazju, dovuti fuq importazzjoni ta' hwejjeg permezz ta' dokument tad-Dwana numru R22721 datat tnejn w ghoxrin (22) ta' Dicembru 2003.*

*Illi permezz tar-rikors presenti, s-socjeta esponenti qeghda topponi t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana u dan ghar-ragunijiet segwenti:*

*1. Illi preliminarjament t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana giet preskritta bil-preskrizzjoni tas-sentejn ai termini tal-artikolu 2154(e) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, applikabbli ghal azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta ghal hlas ta' dazji jew taxxi ohra, liema artikolu gie mhassar mill-Kodici Civili biss permezz tal-Att Numru VIII tas-sena 2007 (li dahal fis-sehh nhar s-sitta w ghoxrin (26) ta' Gunju 2007) w ghaldaqstant, abbundantement wara d-dekors tas-sentejn li kienu kontemplati fil-ligi;*

*2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talba tal-Kontrollur tad-Dawna hekk kif kontenuta fl-Ittra Ufficcjali surriferita, hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-ebda ammont ma huwa dovut u ghal dan l-ghan, qed tigi annessa ricevuta rilaxxjata mid-Dipartiment tad-Dwana stess (immarkata bhala Dok. FC 1) li tiddikjara nekwivokabbilment 'Customs Malta – Received Payment'.*

*3. Illi 'n oltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana hekk kif kontenuta fl-Ittra Ufficcjali surriferita hkija nfondata fil-fatt u fid-dritt wkoll stante l-fatt li l-importazzjoni de quo saret mid-Danimarka, kif anke jidher mic-certifikat EUR 1 E bin-numru 0184521 relattiv ghall-importazzjoni de quo (anness w immarkat*

*bhala Dok. FC 2) w ghaldaqstant, din l-importazzjoni kienet ezenti mill-hlas ta' dazju u taxxa fuq il-valur mizjud ulterjuri;"*

U ghaldaqstant is-socjeta rikorrenti talbet:-

"*lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana kontenuta fl-imsemmija Ittra Ufficcjali tieghu tal-erbgha w ghoxrin (24) ta' Jannar 2008, nfondata fil-fatt u fid-dritt u kwindi, nulla u bla effett legali, bl-ispejjes kontra l-intimat."*

Rat r-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-hamsa w ghoxrin (25) ta' Frar 2008 (fol. 12) fejn espona bir-rispett li:-

"*1.Preliminarjament in-nuqqas ta' notifika tal-Avukat Generali bir-rikors msemmi, ai termni tal-artikolu 181B(3) tal-Kap 12;*

*2. Illi rigward l-punt tal-preskrizjoni, l-esponenti jissottometti li l-Ittra Ufficcjali msemmija ntbaghtet fir-terminu u l-azzjoni ma hiex preskritta. L-ammont mitlub jikkonsisti f'dazju u taxxa fuq il-valur mizjud migbura mill-Kontrollur tad-Dwana w ghalhekk l-artikolu 2149(e) tal-Kap 16 ma hiex applikabbli ghal kaz ghax hu ligi generali u japplika minfloku l-artikolu 4(5) tal-Kap 337 bhala ligi specjali;*

*3. Illi fil-mertu l-ammont mitlub permezz tal-Ittra Ufficcjali msemmija huwa dovut fl-intier tieghu mir-rikorrent;*

*4. Illi rigward c-certifikat EUR 1, l-esponenti jissotometti li minkejja li r-rikorrent ippresenta certifikat EUR 1 li kien jghid li l-merkanzija kienet manifatturata fl-Unjoni Ewropeja, l-merkanzija kienet turi li kienet manifatturata barra l-Unjoni*

*Ewropeja w ghalhekk l-merkanzija ma setghetx tgawdi minn trattament preferenzjali;*

*5. Illi jinghad wkoll li ma sar ebda hlas mir-rikorrent li jkopri l-ammont mitlub permezz tal-Ittra Ufficcjali msemmija, liema ammont ghadu dovut fl-intier tieghu".*

Ghaldaqstant, l-esponent talab bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad t-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontrih.

Rat li fis-seduta tad-disgha (9) t'April 2008, Dottor Marvic Abdilla ghal Avukat Generali seduta stante tat ruhha b'notifikata bl-atti processwali w ghalhekk irrinunzjat ghal ewwel eccezzjoni taghha (fol. 15) u cioe li l-Avukat Generali ma giex notifikat bir-rikors promotur tar-rikorrenti w ghalhekk tali eccezzjoni llum tinsab sorvolata.

Rat n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta rikorrenti Farrug Company Limited (C12257) dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar s-sittax (16) ta' Mejju 2008 (fol. 20).

Rat n-nota tas-socjeta rikorrenti Farrug Company Limited (C12257) ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Mejju 2008 (fol. 31).

Rat wkoll n-nota tas-socjeta rikorrenti ppresentata seduta stante nhar l-hamsa w ghoxrin (25) ta' Gunju 2008 li permezz taghha ippresentat l-affidavit ta' Daniel Farrugia bhala Dok. DF 1 (fol. 38).

Illi l-imsemmi Daniel Farrugia f'dan l-affidavit jghid li fiz-zmien tal-importazzjoni 'n kwistjoni, kien inkarigat li jiehu hsieb l-karti tad-Dwana ghan-nom ta' Farrug Company Limited. Qal li fil-fatt din is-socjeta timporta hwejjeg kemm mill-Unjoni

Ewropeja u kemm minn barra sabiex tbieghhom fil-hwienet taghha. Fil-kaz in kwistjoni, ikompli jghid, l-importazzjoni saret mid-Danimarka u l-hwejjeg in kwistjoni kienu maghmulin fl-Unjoni Ewropeja. Qal li nfatti, hu kien hemm fid-Dwana meta l-Ufficcjal tad-Dwana qaghad jiccekkja t-tiketti tal-hwejjeg sabiex jara kienux maghmulin fl-Ewropa kif fil-fatt kienu. Jghid li x-xoghol ikun diga gie ccekkjat mid-Dwana ta-Danimarka u kienu huma li hargu d-Dok. EUR 1 li ppresenta f'din il-kawza, w ittimbraw l-*invoices* bit-timbru '*The exporter of the products covered by this document (customs authorization No. 92/98-239-00021) declares that except where otherwise clearly indicated these products are of EC preferential origin*'.

Hu jiddikjara f'dan l-affidavit tieghu, li mill-esperjenza tieghu, d-Dwana tad-Danimarka, hija wahda mill-aktar stretti fid-dinja w ghaldaqstant zgur li ma jistax ikun il-kaz li t-timbru tal-*EC preferential origin* u l-EUR 1 inghataw bi traskuragni. Jghid li dawn zgur li nghataw ghaliex il-prodott kien manifatturat fl-EU u gie mpurtat f'Malta mill-EU. Jghid wkoll li nfatti hu jaf b'xi kazijiet li qalhomlu haddiehor f'dan is-settur, li dak iz-zmien, kieku kien ikun hemm kaz li jigi kkonstatat mill-Fizzjal tad-Dwana li x-xoghol impuratat ma kienx ikun verament manifatturat fl-Ewropa, (bhal per ezempju jkollu tikketta 'Made in Hong Kong'), il-Fizzjal kien izomm x-xoghol dak l-hin stess sakemm jithallas d-dazju dovut u multa jew penali fuqu.

Rega' sostna li f'dan il-kaz, mandakollu, l-importazzjonji kienet tittratta minn hwejjeg manifatturati w impurtati mill-EU. Jghid li l-ewwel darba li sar jaf bl-allegazzjonijiet tad-Dwana kien meta rcieva l-Ittra Ufficcjali wara erbgha snin mid-data tal-importazzjoni. Ghaldaqstant, isostni li la ghandu jithallas dazju izjed u lanqas VAT fuq l-

istess importazzjoni ghaliex dawn kienu oggetti maghmula w impurtati mill-Unjoni Ewropeja.

Illi nhar l-ghoxrin (20) t'Ottubru 2008, **xehed John Galea Cavallazzi** (fol. 40) fejn qal li hu jokkupa l-kariga t'ufficjal inkarigat mill-*groupage funds* ta' Hal Far. Rigwardanti l-kaz odjern qal li skond dokumentazzjoni li ghandu, l-merkanzija 'n kwistjoni kienet waslet hawn Malta fit-tlieta w ghoxrin (23) ta' Dicembru 2003 w intaxxata fl-istess jum. Qal li dak iz-zmien hu ma kienx jokkupa din l-istess kariga. Qal li fid-dikjarazzjoni li ghandu esebita fl-atti, l-merkanzija kienet giet iddikjarata bhala hwejjeg ta' origini Taljana, pero' mill-*endorsement* li kiteb il-fizzjal, hemm indikazzjonijiet cari li l-affarijiet sabhom immarkati bhala 'Made in Turkey' pero' ma kienx hemm indikazzjoni dwar l-origini taghhom. Mistoqsi min kien l-Ufficcjal, wiegeb li ma kienx jaf, ghaliex ma setghax jaghraf il-firma tieghu.

Spjega li mill-*file* rrizultalu li hemm dokument iehor li huwa EUR 1 *certificate*. Qal li meta dan jigi pprezentat, il-merkanzija tigi ezentata mill-hlas ta' dazju pero' naturalment, sakemm il-merkanzija tkun ta' dak il-pajjiz li hemm indikat, li f'dan il-kaz kien mill-Ewropa. Qal li meta l-Fizzjal ra din l-indikazzjoni, fuq il-merkanzija kien hemm 'Made in Turkey' u ma kienx hemm pajjizi ohrajn u materjal dan ic-certifikat gie michud u b'hekk ikkalkola l-valur ta' dak li kellu jithallas u dan il-valur ghadu ma thallasx sal-lum u b'hekk l-importatur intalab li jhallas id-differenza.

Mistoqsi jekk jafx sarux xi hlas in konnessjoni ma' din il-konsenja wiegeb li thallset il-VAT ta' din il-merkanzija u dan fl-ammont ta' LM1,469 dak iz-zmien. Qal li dazju pero ma thallas xejn.

Rat li fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Dicembru 2008 Dottor Marvic Sciberras Abdilla ppresentat nota tal-Kontrollur tad-Dwana (fol. 44) li maghha

annettiet kopja tar-*Release Order* bhala Dok. KDW 1, datat tlieta w ghoxrin (23) ta' Dicembru 2003 fir-rigward tal-merkanzija 'n kwistjoni li turi hlas ta' elf erbgha mija disgha w sittin lira maltin (LM1,469) taxxa fuq il-valur mizjud u li turi wkoll notamenti tal-ufficcjal li wettaq r-rilaxx taghha, kif wkoll bhala Dok. KDW 2, li huwa kopja tal-*post entry claim* li ntbaghtet lir-rikorrent u li turi kif inhadmet s-somma dovuta.

Illi nhar s-sbatax (17) ta' Frar 2009 **rega' xehed John Galea Cavallazzi** (fol. 49) fejn qal li hu m'ghandu ebda dokument li jipprova li l-hwejjeg in kwistjoni kienu gew b'origini Taljana.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin (22) t'April 2009 **rega' xehed John Galea Cavallazzi** (fol. 51) fejn meta saritlu referenza ghax-xhieda li kien taha nhar l-ghoxrin (20) t'Ottubru 2008, a fol. 40 et seq ta l-atti, u mistoqsi jghid li effettivament mhux minnu li kien hemm xi dikjarzzjoni li tindika li l-hwejjeg in kwistjoni kellhom origini Taljana, qal li kien qed jara l-*customs entry form* inserita fl-atti u qal li fuqha hemm miktub li l-origini ta' dawn l-prodotti kienet l-Italja.  Ix-xhud esibixxa dan d-dokument sabiex l-Qorti tkun tista tarah, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. Z.

Qal li din d-dikjarazzjoni effettivament saret mid-Dwana.  Qal li hemm l-firma tal-Fizzjal fuq wara ta' dan d-dokument pero min hu dan l-Fizzjal, hu ma kienx jaf.  Qal li mill-indikazzjoni li ghandu, dan il-Fizzjal effettivament spicca biz-zmien u jekk ma kienx sejjer zball kien certu Joseph Muscat.  Qal li fil-kaz li l-Fizzjal ra li effettivament l-agenti mhux minnu li kienu gejjin mill-Italja izda mit-Turkija hu kien jaghmel rapport w effettivament in segwitu jittiehdu l-passi.  Cahad dak suggerit lilu mis-socjeta rikorrenti li l-prassi kienet li jekk jirrizulta li l-oggetti ma humiex dikjarati sew ma jigux rilaxxjati.  Qal li jekk ikun hemm qbil mal-impurtatur jew rapprezentant li nonostante li huwa

jirtira l-merkanzija, kien lest li jaghmel tajjeb ghal dak li hu dovut, il-merkanzija tithallas u tohrog u hekk gara f'dan il-kaz. Qal li fil-fatt, anke fil-*file* hemm dikjarazzjoni li esibixxa bhala Dok. X f'dan is-sens. Mistoqsi jekk hemmx xi fotografija jew xi dokumentazzjoni ohra f'dan is-sens dwar li l-merkanzija kienet gejja mit-Turkija, wiegeb li ma hemmx.

Mistoqsi jekk hux normali li tiehu daqshekk zmien sabiex jittiehdu passi kif effettivament gara f'dan il-kaz, u cioe erbgha snin, wiegeb li hu ma jidholx fiha din. Qal li d-dokumenti jigu prodotti lid-Dwana jew mill-impurtatur jew mill-agenti tieghu. Qal li d-dettalji li jigu fil-*customs entry* jigu mghoddija lid-Dwana jew mill-impurtatur jew mill-agent tieghu.

Mistoqsi jispjega xi jfisser d-Dok. EUR 1 dak iz-zmien li saret din id-dikjarazzjoni, jghid li Malta ma kienetx ghadha membru tal-Komunita Ewropeja w ghalhekk l-merkanzija li tigi minnn barra, kellha tghaddi minn *procedures* doganali kollha. Qal li f'dan il-kaz, l-merkanzija li giet Malta, giet dikjarata li gejja mill-Italja w ghalhekk c-certifikat jezentaha minn hlas ta' dazju ghaliex kien hemm *preferential treatment*. Qal li meta effettivament imbaghad il-Fizzjal ghamel ezami tal-materjal li dahal u sab li kien hemm dikjarazzjoni mhux korretta li effettivament l-oggetti kienu gejjin mit-Turkija u mhux mill-Italja, l-*preferential treatment* li kienet tinghata permezz ta' Dok. EUR 1 tispicca u l-merkanzija tigi soggetta ghal hlas ta' dazju.

Qal li jsir dak l-ezercizzju li huwa fuq Dok. Z u sussegwentement isir il-hlas relattiv. Zied jghid li l-origini tal-oggett jorbot kollox. Qal li kienet l-prassi li jekk jinstabu oggett jew tnejn li jindika li l-oggetti gie prodott mit-Turkija, l-EUR *certificate* ma jkollux effett. Qal li d-dikjarazzjoni mir-rikorrent saret qabel ma giet rilaxxjata l-merkanzija. Mistoqsi jekk saritx xi talba ghal hlas qabel ma giet ppresentata l-kawza mir-rikorrent, wiegeb li kien

hemm diversi ittri li ntbaghtu mis-Segretarjat tad-Dwana u r-*reminders* tal-impurtatur dwar hlas biex effettivament isir l-hlas w ipprometta li jesibixxi kopja ta' dawn l-ittri.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin (26) ta' Mejju 2009 **rega' xehed John Galea Cavallazzi** (fol. 58) fejn mistoqsi jghid ta' li min hija l-firma li tirrizulta fuq r-*release*, wiegeb li din hija ta' Joseph Muscat li llum il-gurnata spicca mis-servizz civili w ghalhekk li ghamel l-*endoresment* fuq dan d-dokument. Qal li dan joqghod 135, Pjazza Antoine de Paule, Paola.

Rat li fis-seduta tas-sitta w ghoxrin (26) ta' Mejju 2009 Dottor Marvic Sciberras Abdilla ppresentat nota tal-Kontrollur tad-Dwana (fol. 54) li maghha annettiet kopja tad- Dok. KDW 3, li ghalih saret referenza fix-xhieda ta' John Galea Cavallazzi nhar t-tnejn w ghoxrin (22) t'April 2009, u cioe korrispondenza datata tlieta w ghoxrin (23) ta' Frar 2004, mill-kumpanija rikorrenti lil esponent u liema ittra taghmel referenza ghal korrispondenza precedenti li l-kumpanija rikorrenti kienet irceviet minghand l-esponent.

Illi nhar t-tmienja (8) ta' Lulju 2009 **xehed Joseph Muscat** (fol. 65) fejn qal li hu kien jahdem mad-Dipartiment tad-Dwana bhala fizzjal pero kien irtira erba' snin ilu. Meta gie muri d-dokument esebit fl-atti a fol. 46 qal li dak li hemm miktub gie miktub minnu. Qal li fejn hemm it-timbru tal-pagament datat tlieta w ghoxrin (23) ta' Dicembru 2003, ma hemmx il-firma tieghu pero. Qal li hu ma kienx inkarigat jircievi hlas, kien inkarigat biss dwar ir-*release*. Mistoqsi jekk kienx hemm xi certifikat tal-origini tal-*goods* li kienu qed jigu mpurtati wiegeb li le, ma kienx hemm. Qal li kien jaf li l-klijent kien ipprezenta biss certifikat maghruf bhala '*euro one*'. Spjega li b'dan ried ifisser li l-klijent kien qed jiccertifika li l-oggetti 'n kwistjoni kienu gejjin minn xi pajjiz membru ewropej. Qal li jekk ma kienx sejjer zball, fuq id-dokument kien qed jiddikjara li l-

oggetti kienu gejjin mill-Italja pero minn fejn kienu gejjin l-oggetti qabel ma waslu Malta, ma kienx jaf.

Qal li xoghlu kien biex jara waqt l-*inspection* sabiex jara li dak li qed jiddikjara kienx konformi mal-oggetti li effettivament kienu waslu Malta. Qal li jekk ikun hemm diskrepanza, l-oggetti ma jigux *released*, u jibqghu mizmumin.

Rat wkoll n-nota ta' referenzi ppesentata permezz ta' rikors ppresentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru 2009, minn Dottor Marvic Sciberras Abdilla ghal Kontrollur tad-Dwana (fol. 71 et seq).

Ikkunsidrat ulterjorment:-

Illi din il-kawza tikkoncerna talba ghall hlas ta' dazju fuq merkanzija mpurtata mill-esteru. Il-Kontrollur tad-Dwana qed ighid li l-merkanzija li waslet Malta kienet gejja minn pajjiz mhux membru tal-Komunita Europeja w ghalhekk mhux elegibbli ghal *preferential treatment* li kien jinghata f'kaz ta' merkanzija gejja minn pajjizi membri Ewropej waqt li s-socjeta rikorrenti ssostni li l-oggetti kienu gejjin mill-Italja w ghalhekk ezentati mill-hlas ta dazju.

Is-socjeta rikorrenti qed tghid li l-azzjoni llum tinsab preskritta ai termini ta' l-**artikolu 2149(e)** tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta w ghalhekk preskritt bit-termini ta' sentejn.

Dan l-Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

"*Preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn u jirreferi ghall-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta ghall-hlas ta' drittijiet gudizzjarji dazju jew taxxa ohra*".

Illi huwa minnu li dan l-artikolu gie mhassar permezz tal-**Att Nmru V111 ta' 2007** w ghalhekk m'ghadux in vigore, pero r-rikorrenti jsostni li l-

azzjoni ‘n kwistjoni kienet diga preskritta meta thassar dan l-artikolu w ghalhekk ghandu jkollu effett.

Illi l-Avukat Generali mill-banda l-ohra josserva li l-perjodu preskrittiv applikabbli ghal dan il-kaz, huwa dak imsemmi fl-Artikolu 4 (5) tal-Kap 337 li jipprovdi li l-perjodu preskrittiv huwa dak ta’ sitt snin.

Illi minn ezami akkurat ta’ dan l-artikolu jirizulta li dan japplika pero jekk l-oggetti li gew importati, gew hekk imporati minn pajjizi barra mill-Komunita Ewropeja.

Illi a bazi tal-principju *lex specjalis derogat generalis,* jekk jirrizulta li l-oggetti impurtati gew minn pajjizi mhux membri tal-Komunita Ewropea, allura dan l-Artikolu jkun applikabbli.

Illi ghalhekk il-vertenza kollha tiddependi jekk l-oggetti li gew importati u li gew dazjati, waslux minn xi pajjiz membru tal-Komunita Ewropew jew le.

Ir-rikorrenti esebixxa dokument li gie markat bhala Dok. ‘Q’ li jindika li l-importazzjoni de quo hija “EUR 1 origin”. Skond John Galea Cavalazzi prodott mill-intimat li huwa l-ufficcjal inkarigat mill-*groupage funds* ta’ Hal Far, l-merkanzija ‘n kwistjoni waslet Malta fit-tlieta w ghoxrin (23) ta’ Dicembru 2003 w intaxxata fl-istess jum u l-merkanzija giet dikjarata li kellha origini mill-Italja. Dan dejjem skond ma rrizultalu mill-*file* li minnu kien qed jaqra. Jghid ukoll dan ix-xhud, li l-fizzjal kiteb *endorsement* fejn qal li hemm indikazzjoni cara li l-affarijiet sabhom immarkati bhala ‘*made in Turkey*’ pero fl-istess nifs ighid li ma kienx hemm indikazzjoni dwar l-origini taghhom.

Illi meta l-Qorti ezaminat dan id-dokument li jinsab inserit a fol. 45 u 46 jirrizulta li ghalkemm l-

merkanizja waslet Malta fit-tlieta w ghoxrin (23) ta' Dicembru 2003, l-ufficcjal tad-Dwana kiteb n-notament tieghu allegatament jumejn qabel il-wasla tal-merkanzija, ghaliex hemm imnizzel id-data tal-wiehed w ghoxrin (21) ta' Dicembru 2003.

Ghalhekk il-Qorti tistaqsi, kif seta l-ufficcjal jezamina l-merkanzija qabel ma effettivament waslet hawn Malta?

In oltre, kif setgha allura rrilaxxja l-merkanzija w ircieva il-pagament tal-VAT w issa qed jitlob pagament addizzjonali ta' dazju meta dakinhar ma ssemma xejn?

Minn ezami tal-*customs entry form* Dok. 'Z' esebita wkoll mix-xhud John Galea Cavalazzi, hemm imnizzel li l-merkanzija kellha origini Taljana u fil-fatt ighid li din id-dikjarazjoni saret minn xi ufficcjal tad-Dwana. Huwa appuntu ghalhekk li kien hemm ukoll il-EUR 1, ghaliex il-prodott kien gej minn pajjiz fejn kien hemm *preferential treatment* u m'hemmx dan it-trattament ghal pajjiz Tork.

Joseph Muscat, li kien ir-*releasing officer* f'dan il-kaz, ighid (a fol. 65 et seq tal-process) li huwa ma jafx minn fejn telqu l-oggetti li effettivament waslu Malta, pero ikkonferma li r-rikorrenti kien ipprezenta certifikat EUR1 w a bazi tieghu, l-merkanzija giet rilaxxjata. Jghid ukoll li xoghlu kien li jezamina l-oggetti li kienu ser jigu mpurtati u jekk ikun hemm xi dispkrepanza, l-merkanzija ma tigix *released* u l-oggetti jinzammu.

F'dan il-kaz huwa evidenti li ma garax hekk ghaliex sar l-hlas tal-VAT w l-merkanzija gie rilaxxjata. Tant hu hekk li kien biss zmien twil wara li l-Gvern kien qed jitlob il-hlas ta' dazju.

Illi ghalhekk, a bazi ta' dawn il-provi, l-Qorti ma thossx illi l-intimat irnexxielu jipprova li l-oggetti li

> gew impurtati nhar it-tlieta w ghoxrin (23) ta' Dicembru 2003 gew minn pajjiz barra mill-Ewropa u cioe li ma kienx jibbenefika minn *preferential treatment* w ghalhekk inghata il-EUR 1 w ghaldaqstant tiddikjara li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 4(5) tal-Kap 337 ma tapplikax.
>
> Tiddikjara wkoll li t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana ghalhekk ma hiex gustifikata, stante li l-importazzjoni hija ezenti mill-hlas ta' dazju u taxxa fuq il-valur mizjud ulterjuri.**"**

Il-Kontrollur appella minn din is-sentenza bl-obbjezzjonijiet f'din l-ordni:-

1. L-Artikolu 2149 (e) tal-Kapitolu 16 ma japplikax ghal kaz ghaliex fil-fattispeci ghal dak li hu l-perijodu preskrizzjonali japplika d-dispost ta' l-Artikolu 4 (5) ta' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni;

2. L-ewwel Qorti kkonfondiet iz-zewg tifsiriet tal-kelma "origini". Ghal kaz dak li kellu jircievi importanza kien il-post ta' manifattura ta' l-oggett importat u mhux ukoll il-post minn fejn l-oggett gie spedit;

3. Id-dokument EUR 1 ma seta' jkollu ebda effett ghaliex il-manifattura ta' l-oggetti importati ma kienetx ta' provvenjenza ta' xi wiehed mill-pajjizi ta' l-Unjoni Ewropeja;

4. L-ewwel Qorti kkummentat fin-negattiv dwar il-fatt illi l-hlas tad-dazju intalab wara r-rilaxx tal-merkanzija importata;

5. Id-data korretta ta' meta waslet il-merkanzija f'Malta kienet il-21 ta' Dicembru, 2003;

Jidher mill-korp tas-sentenza appellata illi fil-konsiderandi taghha l-ewwel Qorti titlaq mill-punt ili jekk il-merkanzija

kienet gejja minn pajjiz barra mill-Unjoni Ewropeja allura m'hemmx kwestjoni illi ghal kaz kien japplika ghal dik li hi preskrizzjoni l-Artikolu 4 (5) tal-Kapitolu 337 ghaliex dan hu provvediment specjali li jirbah fuq dak taht il-ligi generali fl-Artikolu 2149 (e), Kodici Civili kif kien fis-sehh fl-2003 qabel gie abrogat. Korrettement ghalhekk dik il-Qorti rragonat illi s-soluzzjoni tal-vertenza kienet tiddependi mill-valutazzjoni tal-materjal probatorju u l-aktar dejjem skond dik il-Qorti, dik tar-ricerka dwar jekk l-oggetti importati waslux minn xi pajjiz membru ta' l-Unjoni Ewropeja, o meno;

Huwa importanti hawnhekk f'dan l-istadju illi din il-Qorti taghmel din l-osservazzjoni qasira izda importanti hafna. Ghall-ahjar kjarezza ghal finijiet tal-ligi dak li jimporta ghall-attirar jew le tad-dazju ma jaghmlux il-post ta' l-ispedizzjoni tal-merkanzija izda l-post li fih l-oggett importat hu hekk imkabbar, prodott jew manifatturat b'mod illi jekk jirrizulta li t-tkabbir, produzzjoni jew manifattura ta' l-oggett ma jkunx sar f'xi pajjiz ta' l-Unjoni, dak ikun dazjabbli. Ara Artikolu 4 (1) ta' l-Att;

Maghmula din il-kjarifika, is-sentenza appellata tissokta tponi dawn iz-zewg domandi:-

1. Kif seta' l-ufficcjal li ezamina l-merkanzija jaghmel l-annotament tieghu fil-21 ta' Dicembru, 2003, u cjoe jumejn qabel ma waslet l-istess merkanzija f'Malta fit-23 ta' Dicembru, 2003;

2. Kif seta' d-Dwanjier jirrilaxxja l-merkanzija u jiddikjara li rceva l-hlas tal-VAT u issa qed jippretendi l-hlas tad-dazju fuq dik l-istess merkanzija;

Il-Qorti rriezaminat il-provi prodotti u tikkonfessa li ma tikkondividix it-twegibiet li l-ewwel Qorti tippresta lill-precitati domandi minnha stess proposti;

Jinhass utli qabel kull konsiderazzjoni illi jigu fil-qosor sintetizzati dawn il-provi:-

1. Fl-Affidavit tieghu a fol. 38 Daniel Farrugia, rapprezentanti tas-socjeta` attrici jiddikjara illi l-importazzjoni saret mid-Danimarka u l-hwejjeg in kwestjoni kienu maghmulin fl-Unjoni Ewropeja. Jghid ukoll illi d-Dwana fid-Danimarka rrilaxxjat dokument (EUR 1) li jghid illi "*the exporter of the products covered by this document (customs authorisation No 92/98 – 239 – 00021) declares that except where otherwise already indicated these products are of EC preferential origin*";

2. Fid-diversi drabi li xehed John Galea Cavallazzi, ufficcjal tad-Dwana inkarigat mill-*groupage funds* ta' Hal Far, jistqarr illi l-merkanzija giet iddikjarata bhala hwejjeg ta' origini Taljana (fol. 40), li *on record* id-Dwana ma kellha ebda dokument li jipprova li l-hwejjeg in kwestjoni kienu ta' origini Taljana (fol. 49), u li skond il-fizzjal Joseph Muscat li ezamina l-merkanzija nstab li l-hwejjeg kienu mit-Turkija (fol. 51). L-istess xhud spjega illi fil-prassi li jigri hu li l-merkanzija xorta wahda tigi rilaxxjata jekk ikun hemm qbil mill-importatur illi dan ikun lest jaghmel tajjeb ghal dak li hu dovut bhala dazju. Huwa jghid li dikjarazzjoni bhal din saret qabel ir-rilaxx tal-merkanzija *de quo*. Ghal prova bhal din gie esebit id-dokument a fol. 56 taht il-firma ta' l-importatur li jghid "*I hereby bind myself to pay any duty pending verification of origin of goods*". Dan id-dokument b'din id-dikjarazzjoni hu stampat fit-12 ta' Marzu, 2004;

3. Fix-xhieda tieghu a fol. 65 Joseph Muscat ex-fizzjal tad-Dwana jikkonferma l-annotament tieghu a fol. 46 fis-sens li l-ezami minnu tal-merce kien juri li "*various items marked made in Turkey*". Dan l-annotament ghamlu fil-21 ta' Dicembru, 2003;

4. Huma rilevanti wkoll certi dokumenti ohra esebiti bhal dak a fol. 47 datat 21 ta' Dicembru, 2003 li juri l-kalkolazzjoni tad-dazju akkompanjat b'*remittance advice* ghall-hlas lis-socjeta` appellata, u l-ittra ta' din is-socjeta`

datata 23 ta' Frar, 2004 (fol. 60) fejn staqsiet ghalfejn kien qed jintalab il-hlas tad-dazju minghandha. Ta' min josserva wkoll ili fuq il-Customs Release Order Form datata 23 ta' Dicembru 2003 (fol. 32 u fol. 45) hemm indikata hdejn l-intestatura “Registration” id-data tat-22 ta' Dicembru, 2003;

Mill-fatti premessi l-ewwel riflessjoni li trid taghmel din il-Qorti hi din. Skond il-fehma tar-rapprezentant tas-socjeta` appellata fl-Affidavit tieghu d-Dwana tad-Danimarka hija wahda mill-aktar stretti tad-dinja u ma kienetx ser tirrilaxxja d-dokument EUR 1 bi traskuragni. Issa jekk wiehed jezamina akkuratament id-dikjarazzjoni l-ohra ta' l-istess rapprezentant dwar il-kontenut tat-timbru fuq il-fattura, aktar il-fuq riportata, wiehed jinduna illi d-dikjarazzjoni m'ghamilhiex id-Dwanjier fid-Danimarka izda l-esportatur u spedizzjonjier tal-prodotti. Din il-persuna u l-manifattur tal-prodotti mhux l-istess haga, u allura l-Qorti ma kellhiex, fl-assenza ta' dokumenti korroborattivi li jindikaw fejn il-prodott gie manifatturat, taccetta b'ghajnejja maghluqa dik id-dikjarazzjoni maghmula mill-esportatur. Fil-prattika kummercjali mhux insolitu, jew barra mill-ordinarju, illi wiehed jimporta merkanzija minn certu pajjiz izda li l-prodotti hekk mixtrija joriginaw minn pajjiz iehor. Fil-fehma ta' din il-Qorti fuq l-istregwa tal-provi l-kaz prezenti jaqa' f'din il-katergorija ghaliex, ankorke l-oggetti gew importati mill-Italja jew mid-Danimarka, fejn ukoll setghu kienu transitati, jibqa' l-fatt illi fuq il-vizjoni u l-verifika taghhom f'Malta mid-Dwanjier lokali dawk l-istess oggetti ma kienux ta' origini ta' manifattura minn xi wiehed minn dawn il-pajjizi, imsiehba fl-Unjoni, izda mit-Turkija, f'liema kaz l-oggetti kienu, a norma ta' l-Artikolu 4 (1) tal-Kapitolu 337 soggetti ghad-dazju;

Mill-ispezjoni, imbaghad, li tinzel mix-xhieda ta' John Galea Cavallazzi mhux lanqas insolita illi l-merkanzija tigi rilaxxjata lid-destinatarju ghalkemm ma jkunx ghadu thallas id-dazju fuqha ghax ghal qaghda bhal din tahseb l-istess ligi fl-Artikolu 11 ta' l-Att. Proprju dan il-

provvediment jahseb bis-subinciz (2) tieghu illi “l-awtoritajiet tad-Dwana jistghu wara li jirrilaxxjaw l-oggetti u biex jissodisfaw ruhhom dwar il-korretteza tal-partikolaritajiet li jkun hemm fid-dikjarazzjoni, jispezzjonaw id-dokumenti u t-taghrif kummercjali relatati ma’ l-operazzjonijiet ta’ l-importazzjoni ... ta’ l-oggetti koncernati ...” Sinjifikanti wkoll is-subinciz (3) ta’ l-istess artikolu li jistipula illi “fejn ir-revizjoni tad-dikjarazzjoni jew ezami ta’ wara r-rilaxx ikun jindikaw illi d-disposizzjonijiet li jirregolaw il-procedura tad-dwana relattiva kienu gew applikati fuq bazi ta’ informazzjoni mhux korretta jew shiha, l-awtoritajiet tad-dwana ghandhom, skond il-provvedimenti stabbiliti, jiehdu l-mizuri mehtiega biex jirregolarizzaw is-sitwazzjoni, filwaqt li jqisu dik l-informazzjoni gdida li tkun giet f’idejhom”. Ukoll dan, bi twegiba ghat-tieni kwezit ta’ l-ewwel Qorti, jispjega ghaliex it-talba ghall-hlas saret meta saret bl-ittra ufficcjali tal-24 ta’ Jannar, 2008 u d-dikjarazzjoni guramentata akkompanjanti, a norma ta’ l-Artikolu 466 tal-Kodici ritwali;

Evidentement ukoll l-ewwel Qorti, forsi ghax indotta minn certa dikjarazzjoni inakkurata tax-xhud precitat Galea Cavallazzi, ma kellhiex ghalfejn tikkonfondi ruhha wisq dwar id-data tal-wasla tal-merkanzija. Gja gie rilevat mill-esposizzjoni *supra* tal-fatti illi fuq l-istess Release Form hemm indikat id-data tar-registrazzjoni tat-22 ta’ Dicembru, 2003, u allura kellu jkun indikattiv illi l-merkanzija waslet Malta qabel din id-data u mhux fid-data tat-23 ta’ Dicembru, 2003 murija fuq il-Release Order. Apparti mbaghad l-annotazzjonijiet maghmula minn Joseph Muscat manifestanti li l-ezami tal-merkanzija minnu saret effettivament fil-21 ta’ Dicembru 2003, din l-istess data hi sorretta minn dokumenti ohra, ad ezempju, ir-Remittance Advice lill-kumpanija appellata a fol. 47 li wkoll iggib id-data tal-21 ta’ Dicembru, 2003;

Flimkien konsiderati, meta c-cirkostanzi kollha emergenti mill-istruttorja processwali jitqeghdu fuq il-mizien tal-konvinciment din il-Qorti ttendi f’dan il-kaz versu l-versjoni tal-Kontrollur tad-Dwana u, cjoe, li l-oggetti importati, bid-

dokument EUR 1 b'kollox, ma kienux ta' origini ta' manifattura minn xi pajjiz ta' l-Unjoni f'liema kaz ghal dak li hu l-perijodu preskrittiv ta' l-azzjoni jsib applikabilita d-dispost specjali ta' l-Artikolu 4 (5) tal-Kapitolu 337 u mhux dak generali taht l-Artikolu 2149 (e) tal-Kapitolu 16 eventwalment imhassar bl-Att VIII ta' l-2007.

Ghal motivi kollha premessi din il-Qorti qed tilqa' l-appell, thassar is-sentenza appellata, u konsegwentement tirrigetta t-talba tas-socjeta` appellata kontenuta fir-rikors promotur taghha quddiem l-ewwel Qorti. L-ispejjez relattivi taz-zewg istanzi jitbatew mis-socjeta` appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------